# in-Natura

14



LIBRARY
FOUNDATION
FOR
INTERNATIONAL STUDIES

in-Natura

pubblikazzjoni tas-
SOĊJETA` GĦALL-ISTUDJU U
L-ĦARSIEN TAN-NATURA — SSCN
P.O. Box 459, Valletta, CMR 01

*XITWA 1993* *NRU 14.*

## F'DIN IL-ĦARĠA

4 IT-TIDKIR TAL-FJURI
Paul Xuereb u Alex Busuttil

7 PJANTI MEDIĊINALI
Ian Mifsud

11 JOHN BORG
Alfred E. Baldacchino

15 IL-FJURI TAX-XAGĦRI
Tony Bonnici

20 IL-FEJĠEL
Guido Lanfranco

23 IL-FAQQIEGĦ
Edwin Lanfranco

27 IL-FLORA FL-AĦBARIJIET

31 LISTA TA' SPEĊI LI JISSEMMEW F'DIN IL-ĦARĠA

BORD EDITORJALI

*Editur:* Alfred E. Baldacchino
*Membri:* John Azzopardi
Victor Falzon, Andrew Micallef
Patrick J. Schembri, Mark Vella
*Typesetting:* Gruppetta Ltd
*Produzzjoni:* Alfred E. Baldacchino
*Distributur:* Carmelo Briffa
*Mitbugħ:* Gutenberg Press
*Colour Separations:*
Scancraft Studios, Qormi
*Ritratt tal-Faċċata:* Zagħfran Salvaġġ
(Alfred E. Baldacchino)

© SSCN

## IL-FJURI SELVAĠĠI

*Il-flora tal-gżejjer Maltin hija fost il-wirt naturali l-aktar imwarrab, l-aktar traskurat u l-aktar li mhux apprezzat. Ta' kull sena dawn il-fjuri jinfexxu fi lwien li jlibbsu pajjiżna. U sena wara sena jisfaw imqaċċta, maħruqa, mirfusa u mirduma.*

*Uħud minn dawn il-fjuri Maltin, bħat-Tengħud Muswaf, ċedew għal din il-pressjoni u għebu għalkollox. Oħrajn, bħat-Tulipan Salvaġġ, naqsu bil-kbir u rtiraw, jikbru biss mistura f'xi postijiet imwarrba. Iżda b'xorti tajba, id-determinazzjoni ta' ħafna minnhom s'issa għelbet lill-mentalità miskina tal-bniedem. Iva! Għadhom kull sena jipprovaw juruna l-kobor tal-mirakli tan-natura.*

*Huma dawn il-fjuri li juruna kif huma jistgħu jagħtu l-ħajja lill-ibliet u r-rħula tagħna, uħud minnhom ta' dehra żdingata. Huma dawn il-fjuri li qed juruna kif aħna, bħala ħolqien ieħor li jaqsam dawn il-gżejjer mal-ħlejjaq kollha, nistgħu nerġgħu nsibu l-armonija fin-nisġa tan-natura. Huma dawn il-fjuri li ġol-partijiet fraġli u teneri tagħhom jostru kimika li hija ta' għajnuna u ta' duwa għalina. Huwa biss il-bniedem fuq dawn il-gżejjer illi bl-egoiżmu, bl-arroganza u bl-injoranza tiegħu lil dan il-wirt qiegħed iwarrbu, ikasbru, u jtiħ bis-sieq.*

***Alfred E Baldacchino***
***L-Editur***

# IT-TIDKIR TAL-FJURI

*Paul Xuereb u Alex Busuttil*

Kull ħaġa ħajja li hawn fid-dinja għandha bżonn tirriproduċi biex tibqa' teżisti mal-medda tas-snin. Hemm żewġ tipi ewlenin ta' riproduzzjoni: asesswali *(asexual)* u sesswali *(sexual)*. B'riproduzzjoni sesswali nifhmu l-għaqda taż-żerriegħa tar-raġel ma' dik tal-mara.

Ħafna mill-pjanti li naraw madwarna jiddependu mir-riproduzzjoni sesswali. Il-proċess li bih iż-żerriegħa tar-raġel titwassal ħdejn dik tal-mara jissejjaħ tidkir *(pollination)*. Hemm diversi tipi ta' tidkir iżda kollha għandhom l-istess funzjoni li semmejna: dik tar-riproduzzjoni.

Kemm iż-żerriegħa tar-raġel kif ukoll dik tal-mara jinħadmu fil-fjuri. Hemm pjanti li għandhom fjuri li jipproduċu kemm żerriegħa tar-raġel kif ukoll dik tal-mara, bħal ngħidu aħna l-Bajtar tax-Xewk. Hemm pjanti oħrajn, fejn il-fjuri jipproduċu ż-żerriegħa tar-raġel jew dik tal-mara biss, u l-fjuri jistgħu anki jinstabu fuq pjanti differenti. Fil-każ tas-siġra tal-ħarrub, insibu siġar li huma rġiel biss, għax fuqhom ikollhom fjuri rġiel, u siġar li huma nisa biss, għax fuqhom ikollhom fjuri nisa biss. Waqt li ż-żerriegħa tal-mara nsibuha fl-ovulu, dik tar-raġel insibuha fi trab fin, ġeneralment ta' kulur safrani, li jissejjaħ trab tad-dakra *(pollen)*. Waqt it-tidkir, huwa dan it-trab tad-dakra li jitwassal għal fuq l-istigma tal-fjura. *(ara l-istampa)*.



**It-Tipi ta' Tidkir**

Hemm diversi metodi kif iseħħ it-tidkir. Fost dawn insibu:

***It-Tidkir permezz ta' l-ilma***

Fit-tidkir permezz ta' l-ilma, it-trab tad-dakra jitwassal għal fuq il-parti femminili tal-fjura permezz ta' kurrenti fl-ilma. Naturalment dan il-mod ta' tidkir jgħodd l-aktar għal dawk il-pjanti li jgħixu fl-ilma ħelu jew fil-baħar. Peress li Malta ma nsibux għadajjar u xmajjar ta' l-ilma ħelu, dan il-mod ta' tidkir ma tantx huwa komuni f'pajjiżna. Però nsibuh aktar komuni fil-baħar ta' madwarna. Bħala eżempju, nistgħu nsemmu l-alka *(Posidonia)* li għad-dakra tiddependi mill-kurrenti tal-baħar.



*L-alka tiddependi mill-kurrenti tal-baħar biex tiddakkar*

***It-Tidkir permezz tar-Riħ***

It-trab tad-dakra jista' jitwassal ukoll permezz ta' kurrenti ta' l-arja. Ġeneralment il-partijiet tal-fjuri huma żgħar, mingħajr riħa jew kuluri jgħajtu. Il-fjuri rġiel jipproduċu kwantitajiet kbar ta' trab tad-dakra biex forsi xi ftit minnu jispiċċa jasal fuq xi fjura mara. Sfortunatament, ħafna minn dan it-trab tad-dakra jintilef. Siġra indiġena ta' Malta li tuża r-riħ biex tiddakkar hija s-siġra taż-Żnuber.



*It-trab tad-dakra tas-siġra taż-Żnuber jitwassal permezz tar-riħ*

***It-Tidkir permezz ta' l-Annimali***

Ħafna pjanti biex jiddakkru jiddependu mill-annimali, l-aktar l-insetti. Dawn il-pjanti jingħarfu minħabba li għandhom fjuri kbar, kuluriti u b'riħa partikolari, ġeneralment tfuħ. L-insetti

ma jżurux lil dawn il-fjuri għax huma sbieħ, iżda għax ċerti kuluri u rwejjaħ huma marbutin ma' l-ikel tagħhom.

Fil-fatt it-trab tad-dakra li tipproduċi l-fjura jservi ta' ikel għal ħafna insetti. Barra mit-trab tad-dakra, ħafna fjuri jipproduċu wkoll meraq ħelu *(nectar)* li l-insetti jixorbuh meta jżuru l-fjura. Permezz ta' dan l-ikel il-fjura jirnexxilha tiġbed l-insetti għal fuqha.

Ħafna fjuri għandhom forma partikolari li ġġiegħel l-insetti jħokku ma' l-organi sesswali tagħha. Hekk, ngħidu aħna, meta l-insett iħokk mal-partijiet li jipproduċu t-trab tad-dakra l-insett jimtela bit-trab tad-dakra li jeħel miegħu. Hemm ċans ukoll li xi trab tad-dakra li l-insett ikun ġab minn fuq pjanta oħra ta' l-istess speċi jitfarfar għal fuq l-istigma, u hekk l-insett ikun dakkar il-fjura. Imbagħad dak it-trab tad-dakra li jkun ha minn fuq din il-fjura jista' igħaddih għal fuq xi fjura oħra *(cross pollination).*

Ġeneralment pjanta ma tiddependix minn tip wieħed ta' insett biex tiddakkar iżda tagħmel użu minn ħafna. Għalkemm insibu ħafna tipi ta' insetti li jdakkru l-fjuri, hemm xi wħud li huma aktar importanti għall-pjanti minn oħrajn. Per eżempju, il-kromb u l-borgħom jiddakkru l-aktar permezz tan-naħla *Halictus fulvipes* filwaqt li l-bużbież u l-għolliq jiddakkru l-aktar minn xi speċi tan-naħla *Hylaeus.* Dawn huma żewġ tipi ta' naħal komuni ħafna fil-gżejjer tagħna. Pero, ħafna mill-pjanti tagħna jiddakkru permezz tan-naħla ta' l-għasel.

Dan l-insett insibuh idakkar ħafna mill-pjanti ta' madwarna li jiddependu fuq l-insetti għat-tidkir tagħhom.

### *Il-Pjanti li jdakkru lilhom infushom*

Ħafna pjanti fil-fjuri tagħhom għandhom mekkaniżmi li ma jħallux il-fjura ddakkar lilha nnifisha. Iżda hemm oħrajn li jiddependu minn dan il-metodu biss, waqt li oħrajn jiddependu fuq dan il-metodu jekk il-fjura ma tkunx iddakkret permezz tal-metodi l-oħrajn li semmejna. It-tidkir bejn pjanta u oħra huwa aħjar mit-tidkir tal-pjanta minnha nnifisha: għaliex iż-żerriegħa tkun ġenetikament aktar b'saħħitha.

### *Għeluq*

Kif rajna, it-tidkir tal-pjanti huwa proċess komplikat mhux ħażin għaliex jinvolvi rabta diretta bejn il-pjanti u l-ambjent ta' madwarhom. Dan jurina biċ-ċar l-armonija li teżisti fin-natura u għalhekk nistgħu nifhmu aħjar l-importanza ta' l-ambjent naturali u l-bżonn għall-ħarsien tiegħu. ❑

# IL-PJANTI MEDIĊINALI

*Ian Mifsud*

Sa mill-eqdem żminijiet il-bniedem fittex dawk l-ispeċi ta' pjanti li seta' jagħmel użu minnhom. Dan għamlu jew biex ifejjaq lilu nnifsu minn xi mard jew biex jiehu minnhom xi sustanzi velenużi kemm biex jaqbad xi annimali għall-ikel, kif ukoll biex juża l-velenu kontra l-għedewwa tiegħu. Hekk, per eżempju, il-filosfu Grieg Sokrate, ngħata l-mewt billi kellu jixrob sustanza meħuda miċ-Ċikuta. Dawk l-Indios li jgħixu matul ix-xmajjar Amażon u Orinoco għadhom jużaw is-siġra ta' l-Istrikinina biex minnha jieħdu l-*curare* li jintuża bħala velenu fil-ponta tal-vleġeġ għall-kaċċa ġewwa l-foresta tropikali. Prodotti li jixbħu ħafna lill-*curare* jintużaw bħala mediċini fil-kirurġija, jiġifieri waqt l-operazzjonijiet.

Hawn Malta bosta huma dawk il-pjanti li kienu jintużaw bħala mediċina, l-aktar fl-imgħoddi meta ma kienx hawn il-misturi u l-mediċini li hawn illum. Fost dawn il-pjanti nsibu l-**Faqqus il-Ħmir**. Mill-weraq misjur ta' din il-pjanta kienu jagħmlu mistura li tintuża bħala porga. Pjanta oħra komuni fir-rebbiegħa hija l-**Fidloqqom**. Din faċli tintgħaraf mill-fjuri forma ta' stilla kaħla u mill-weraq ixewwek tagħha. Il-weraq u l-ward kienu jitnixxfu u wara jintefgħu fil-misħun. Dan kien jiġi msoffi u mbagħad kien jintuża bħala mistura għas-sogħla. Mistura oħra għas-sogħla li għadha tintuża sa llum il-ġurnata hija l-ġulepp tal-ħarrub. Huwa probabbli li s-siġra tal-**Ħarrub** inġabet fil-gżejjer Maltin fi żmien ir-Rumani. Illum il-ġurnata nsibuha tikber f'kull rokna ta' gżiritna, għalkemm in-numru tagħha dejjem qiegħed jonqos minħabba l-qerda ta' l-ambjent naturali. Il-frott tas-siġra tal-Ħarrub kien jinġabar biex jitimgħuh lill-bhejjem. Fi żmien il-għaks kien jittiekel ukoll min-nies. Barra l-użu tal-ġulepp tiegħu, meta wieħed ibati bi griżmejh, fl-imgħoddi l-ispiżjar kien juża ukoll dan il-ġulepp biex iħalltu ma' xi mediċina li ma kellhiex togħma tajba, u b'hekk il-marid ma kienx jiddejjaq joħodha daqstant.

Arbuxxell kemxejn rari llum il-ġurnata huwa r-**Riħan**. Kif jixhed l-ismijiet ta' ċerti postijiet, bħal Għajn Riħana f'Malta u Wied ir-Riħan f'Għawdex, dan l-arbuxxell kien aktar komuni fil-passat. Fi żmien l-imperu Ruman din il-pjanta kienet marbuta ma' l-alla ta' l-imħabba: Venere. Minn din il-pjanta kienu jagħmlu girlandi għal waqt iċ-ċerimonji taż-żwieġ bħala simbolu ta' l-imħabba. Hawn Malta, fi żmien iżjed reċenti, mill-weraq niexef kienu jagħmlu trab li kien jintuża bħala terra għat-trabi. Illum, mill-weraq u l-fjuri tar-Riħan jittieħdu ċerti żjut li jintużaw fl-industrija tal-fwieħa.

Il-**Fejġel** hija pjanta oħra indiġena għall-Mediterran. Wieħed malajr jin-




# GĦAT-TFAL KOLLĦA TAL-PRIMARJA

XUMMIEMU

Cadbury
the first name in chocolate

Segretarjat
AMBJENT

Capri-Sun
fruit & fun



Alfred E. Baldacchino

*IL-FIDLOQQOM – il-weraq u l-ward tiegħu kienu jitnixxfu u wara jintefgħu fil-misħun li kien jintuża bħala mistura għas-sogħla.*

tebaħ b'din il-pjanta fil-kampanja Maltija billi din titfa' riħa qawwija meta wieħed iħokk magħha. Sa minn żmien il-qedem il-Fejġel kien jintuża fil-kura tal-mard ta' l-għajnejn. Barra minn hekk, hawn Malta kien hawm id-drawwa li jaqtgħu din il-pjanta u jqegħduha fiż-żejt li mbagħad kien jintuża kontra l-uġigħ tal-muskoli *(ara paġna 20).*

L-**Għansar Kbir** jikber f'numri kbar speċjalment fix-xagħri ħdejn il-baħar. Xitla tassew interessanti minħabba li tagħmel il-fjuri għall-aħħar tas-sajf, staġun sħiħ wara li l-pjanta tkun nixxfet il-weraq kollu. Il-basal ta' l-Għansar għandu wkoll proprjetajiet kemm mediċinali kif ukoll velenużi. L-effetti fuq il-ġisem kienu magħrufa sa minn żmien il-Griegi. Hawn Malta sa ftit snin ilu l-basal ta' din ix-xitla kien jinġabar biex jiġi esportat lejn l-Ingilterra fejn kienu jipproċessawh biex jagħmlu xi mediċini għas-sogħla. Imbagħad dan twaqqaf bħala pass kontra l-qerda tal-pjanta fil-gżejjer Maltin.

Forsi l-aktar pjanta popolari hija l-**Kamumilla**, pjanta frekwenti fil-kampanja Maltija fir-rebbiegħa. Fost il-ħafna użi li għandha din ix-xitla, insibu li hija tajba ħafna għall-uġigħ ta' żaqq, biex tikkalma lil dak li jkun u għall-ħniek iffjammati. Il-weraq u l-fjuri tal-Kamumilla kienu jitnixxfu u

Ian Mifsud



*Il-frott tal-ĦARRUB – ġulepp minn dan il-frott jintuża bħala mistura għas-sogħla.*

wara wieħed seta' jgħallihom bħat-tè. Din id-drawwa illum il-ġurnata kważi nqatgħet għal kollox għax illum wieħed jista' jsib prodotti lesti mingħand l-ispiżjar kif ukoll tè tal-kamumilla ppakkjat fil-boroż.

Iżda mhux il-pjanti kollha li fil-qedem kienu jintużaw fil-mediċini kellhom effett terapewtiku. Kien hemm il-fehma fost missirijietna li l-forma jew il-kulur tal-weraq jew tal-frott kien jirrifletti l-parti tal-ġisem li l-pjanta kellha effett fuqu. Ngħidu aħna, jekk werqa kellha forma ta' qalb, allura kienu jaħsbu li kienet tajba għall-qalb. Nafu li dan mhux il-każ, iżda fi żminijiet oħra din il-loġika kienu jemmnu biha bosta nies. Hekk, ngħidu aħna, fuq il-Ġebla tal-Ġeneral jikber l-**Għerq Sinjur**. Din il-pjanta parassita li tidher fis-sajf għandha kulur ħamrani u għalhekk kienu jaħsbuha tajba għall-mard tad-demm, fost affarijiet oħra. Tant kienet meqjusa prezzjuża li l-Kavallieri kienu jpoġġu għassies fuq din il-blata u min kien jinqabad jipprova jisraqha kien jintbagħat jaqdef fuq il-ġfien ta' l-Ordni bħala priġunier. Illum il-ġurnata nafu li din il-pjanta la hija fungu u lanqas mediċinali.

Fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, bħaċ-Ċina u l-Indja, il-pjanti mediċinali għad għandhom importanza fil-kura tal-mard. Fil-pajjiżi żviluppati l-importanza ta' dawn il-pjanti naqset ħafna, iżda ma ninsewx li bosta mill-mediċini li nsibu nixtru llum fil-fatt huma meħuda mill-pjanti. Fost dawn il-mediċini nsibu l-*Vincristine* u l-*Vinblastine* li salvaw ħafna tfal mill-mewt kiefra tal-lewkemja. Min jaf x'telf kienet iġġarrab l-umanità kieku nqerdu l-foresti tropikali fejn tikber il-pjanta *Vinca rosea* jew *Catharanthus roseus* (li fil-gżejjer Maltin ġieli tiġi kkultivata bħala ornament) qabel ma sar magħruf l-użu siewi tagħha fil-kura tal-kanċer. Bħalissa hawn madwar 25,000 speċi ta' pjanta fil-periklu li jinqerdu u jgħibu minn wiċċ id-dinja. Ħadd għadu ma jista' jgħid fiċ-ċert jekk xi waħda minn dawn il-pjanti tistax tgħin lill-bniedem biex teqred, ngħidu aħna, il-virus tal-marda ta' l-Aids.

Dawn huma ftit eżempji kif il-pjanti tal-gżejjer Maltin, minbarra li jgħinu biex isebbħu pajjiżna, jistgħu jservu wkoll biex ifejqu l-bniedem mill-mard li jaħkmu.



# JOHN BORĠ

*(1873 - 1945)*

*Alfred E. Baldacchino*

Il-Professur John Borġ, bin Anġelo u Ġużeppa mwielda Żammit, twieled Ħal Balzan fid-9 ta' Novembru, 1873. Sa minn ċkunitu wera interess fl-istorja naturali u kien jiġbor u jkabbar is-sardinell u l-ġeranji.

Wara l-istudji tiegħu fil-Liċeo, ta' tmintax-il sena beda kors tal-mediċina fl-Università ta' Malta. Wara li kien ilu tabib sentejn biss, fl-1900 nħatar mill-Gvern bħala Supretendent tal-Ġonna Pubbliċi ta' Malta u Għawdex. Huwa mill-ewwel ħa ħsieb biex jibdew jitħawlu s-siġar fit-toroq. Biex jilħaq dan il-għan, waqqaf xi mixtliet biex jipprovdu dawn is-siġar: mixtla fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata, oħra f'tal-Mirakli Ħal-Lija, oħra fuq il-Katakombi fir-Rabat, tnejn taħt l-Argotti fil-Furjana u oħra f'Għawdex.



Iżda minbarra li waqqaf dawn il-mixtliet, il-Professur John Borġ fassal u saġġar ġonna ġodda u rranġa oħrajn li kien hemm. Fost ta' l-aħħar insibu dawk tal-Barrakka ta' Fuq u tal-Barrakka t'Isfel, il-Ġnien ta' Hastings, il-Mall u l-Ġonna tal-Kalkara fil-Furjana, il-Ġnien ta' Sa Maison, il-ġnien tal-Blata l-Bajda u l-Ġonna Rundle fir-Rabat t'Għawdex. Barraminhekk saġġar il-Ġonna Howard fir-Rabat u rranġa l-Buskett fejn bosta mis-siġar tal-Ballut li llum huma stabbiliti kienu tħawlu minnu.

Fl-1919 il-Professur John Borġ inħatar Supretendent tal-Biedja. Anke hawnhekk il-Professur Borġ ħalla l-frott tax-xogħol tiegħu għax bit-tħabrik tiegħu l-qasam sperimentali tal-Gvern ittieħed mill-Imgieret għall-Għammieri fejn seta' jinfirex aħjar u jsir kif nafuh il-lum. Fl-1921 il-Professur Borġ ingħata l-katedra ta' l-Istorja Naturali fl-Università ta' Malta, post li baqa' jokkupah sakemm irtira tnax-il sena wara.

Mingħajr dubju ta' xejn, l-akbar kontribut li l-Professur John Borġ ta lil pajjiżna kien in-numru ta' xogħlijiet li kiteb. L-ewwel pubblikazzjoni tiegħu dehret fl-1896 meta kien għadu student l-Università. Dan kien katalgu ta' pjanti li kienu kkultivati fil-ġonna ta' San An-


San Michel
TABLE WATER
San Michel
TABLE WATER
San Michel
naturally pure
The leading brand in Malta's Table Water market is also available in a NEW 1 Litre returnable glass bottle.

ton. Ktieb li għamel ġieħ mhux biss lilu iżda ukoll dehen lil pajjiżna huwa l-ktieb fuq il kaktus li għadu magħruf u mfittex sal-lum. F'dan il-ktieb, li fih mal-130 ritratt, John Borġ iddeskriva 1500 speċi differenti ta' kaktus.

Pubblikazzjonijiet oħra tiegħu jitkellmu fuq il-mard tas-siġar tal-frott, fuq l-ortikultura, fuq l-insetti u fuq il-biedja. Iżda l-aktar xogħol popolari u ta' awtorità huwa ktieb fuq il-fjuri slavaġ tal-gżejjer Maltin *Descriptive Flora of the Maltese Islands,* li ġie ppubblikat fl-1927. F'din il-pubblikazzjoni l-Professur Borġ jagħti lista tal-fjuri li wieħed jista' jsib fl-ambjent naturali Malti. Fih insibu wkoll bosta informazzjoni fuq is-siġar indiġeni. Dan ix-xogħol għadu mfittex kemm f'Malta kif ukoll barra, tant li fl-1976 ġie stampat mid-ditta Ġermaniża Otto Koeltz Science Publishers bħala t-tieni volum fis-sensiela *Floras of the World.*

Il-kollezzjoni tal-kaktus u sukkulenti li kellu l-Professur Borġ, li kienet waħda mill-akbar fil-gżejjer Maltin, ħallieha lill-Ġnien Botaniku ta' l-Università ta' Malta. Din kienet tiġbor fiha mal-4000 pjanta ta' 600 speċi differenti. Din il-kollezzjoni wieħed għadu jista' jaraha fil-ġonna ta' l-Argotti, li llum qegħdin taħt ir-responsabbiltà tad-Dipartiment ta' l-Agrikultura. Il-Professur Borġ kien ukoll is-segretarju tas-*Società Economico Agraria.*

Il-Professur John Borġ miet, fl-1945 fil-għomor ta' 72 sena. Huwa ħalla legat ta' Lm4000 biex jgħin lill-istudenti universitarji Maltin ikomplu l-istudju tagħhom barra minn Malta fil-qasam ta' l-Istorja Naturali.

Il-Professur Borġ kien pijunier ieħor li għamel kemm felaħ biex jgħallem dwar il-wirt naturali u saħaq dwar il-bżonn u l-użu tajjeb ta' dan il-wirt. Bit-tħabrik tiegħu għadd ta' siġar ta' valur storiku u oħrajn li kellhom ta' lanqas 200 sena ġew imħarsa taħt l-Att ta' l-Antikitajiet (1925). Fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Lulju 1933 deher Avviż tal-Gvern (nru 269) li ta lista ta' dawn is-siġar li ġew imħarsa bil-liġi. Fost dawn insibu s-siġar tal-Ballut li hemm jikbru fil-Ballut tal-Wardija u fl-Imġiebaħ, is-siġar taż-Żebbuġ li hemm fil-Bidnija, is-siġar tal-Ballut u tal-Fraxxnu li hemm fil-Buskett, is-siġar xjuħ taż-Żebbuġ u taż-Żnuber u Awrikarja li hemm fil-Ġonna ta' San Anton, ħdax-il siġra taċ-Ċipress fil-Ġonna ta' San Anton, kif ukoll iż-Żnuber xjuħ li kien hemm fl-Argotti u l-Mall il-Furjana. Barra minn dawn kien hemm siġar oħra li kienu tħawlu minn personalitajiet kbar fil-Ġonna ta' San Anton. Il-Professur John Borġ kiteb ukoll memorandum fuq il-bżonn u r-raġuni għaliex dawn is-siġar kellhom jiġu mħarsa. Dan il-memorandum (bid-data ta' 23 ta' Marzu 1933) kien ippubblikat ukoll wara l-lista tas-siġar li dehret fl-istess gazzetta tal-Ġvern.

Bħala għarfien tax-xogħol u l-kontribut li ta lil pajjiżna dan in-naturalista, fis-sett ta' bolli li ħareġ fit-12 ta' Jannar 1974 biex jikkommemora lin-nies li għamlu ġieħ lil pajjiżna hemm bolla (dik tas-7ċ5) li ġġib ix-xbieha ta' dan il-botanista magħruf — il-Professur John Borġ.

# DUTY FREE

## SHOPPING

at

**34 PINTO WHARF, VALLETTA.**

200 metres from Crucifix Hill......
250 metres from Passenger Customs




*Anyone travelling by sea*

**SAVE MONEY ON**

- ◆ PERFUMES
- ◆ GIFTS ◆ HI-FI
- ◆ SPIRITS & TOBACCO

*Pre-orders are accepted by phoning in or calling at our Duty Free Shop any day before your departure. Orders will be delivered next to vessel prior to your departure.*

Ask for our Free Colour Brochure.




**Salvo Grima & Sons Ltd**

34 Pinto Wharf Valletta.
Tel: 240838, 245867/9
Telex: 1616 EVERST

# IL-FJURI TAX-XAGĦRI

*Tony Bonnici*

Fil-gżejjer Maltin insibu x-xagħri l-aktar fl-inħawi tal-punent u tal-lbiċ lejn in-naħa ta' l-Aħrax tal-Mellieħa u lejn Ħad-Dingli, filwaqt li f'Għawdex dan insibuh fin-nofsinhar u l-lvant bħal f'Ta' Ċenċ. Kemmuna hija kważi kollha kemm hi xagħri.

Ix-xagħri huwa msawwar mis-saff tal-qawwi ta' fuq. Huwa ambjent miftuħ għal ħafna rjieħ qawwija u ġieli għarraxx tal-baħar li jaħkmu dawn il-gżejjer. Għaldaqstant il-pjanti li jikbru f'dan l-ambjent huma żgħar fid-daqs u jirreżistu għall-elementi. Peress li dawn jikbru kważi baxxi ma' l-art, wieħed jista' jingħata l-impressjoni li fix-xagħri ma jikber xejn. Għall-kuntrarju, ix-xagħri huwa l-aktar ambjent sinjur fil-gżejjer Maltin. Wara l-ewwel xita jitfaċċaw ħafna pjanti li jibqgħu jħaddru b'dehra mill-isbaħ sax-xahar ta' Mejju, anke meta tibda tinħass in-nixfa u s-sħana tas-sajf. Fost il-pjanti li nistgħu niltaqgħu magħhom fix-xagħri hemm dawk li jibqgħu jħaddru s-sena kollha u li għandhom għeruq b'saħħithom. Dawn il-pjanti għandhom għeruq pjuttost ħoxnin li jibqgħu neżlin fix-xquq tal-blat biex jgħinuhom l-aktar matul ix-xhur sajfin. Fost dawn insibu s-Sagħtar li nistgħu narawh bil-fjuri fix-xhur bejn Mejju u Awwissu. Insibu wkoll, għalkemm anqas ta' spiss, l-Iklin li jwarrad matul is-sena kollha. Anke ż-Żiju u t-Tè Sqalli huma pjanti tax-xagħri. Bejn ix-xhur ta' Frar u April, nistgħu niltaqgħu maż-Żiju bil-fjuri. Iż-Żiju jikber imħaddan mal-blat u għandu weraq żgħir apposta biex jaħli ilma mill-inqas. It-Tè Sqalli, li wkoll jikber fix-xagħri, iwarrad bejn ix-xhur ta' Jannar u Ġunju.

Pjanti oħrajn huma dawk li jikbru mill-basal jew tuberi. Minn dawn nistgħu nsemmu n-Narċis li bil-weraq twil qisu żigarelli jwarrad minn Novembru sa Marzu. Hekk kif in-Narċis jispiċċa mill-fjuri, il-Ħalib it-Tajr jiehu f'idejh biex isebbaħ ix-xagħri bil-fjuri qishom tazzi żgħar b'żibeġ kbar u suwed ġo fihom, fjuri li jkunu jfuħu wkoll. Iż-Żagħfran Salvaġġ, li fil-gżejjer Maltin jikber biss fix-xagħri tal-lbiċ tal-gżejjer, ukoll jiksi l-ħofor fil-blat bil-fjuri baxxi tiegħu li jidhru wara l-ewwel xita u jibqa' jwarrad sax-xhur ta' Diċembru. Il-Fjurdulis Salvaġġ ukoll jitla' qisu minn ġol-blat bi ftit ħamrija u l-fjuri tiegħu jidhru matul ix-xhur ta' Marzu u Ġunju. L-Għansar Kbir u l-Berwieq qishom jeħduha kontra xulxin min minnhom jogħla l-iżjed 'il fuq mix-xagħri biex juri l-fjuri tiegħu. Mill-banda l-oħra, it-Tewm Salvaġġ qisu mistħi jistaħba wara l-il-qugħ ta' xi ħotba jew blata fix-xagħri.

Fix-xagħri nsibu wkoll pjanti sukkulenti b'weraq pjuttost oħxon. Dan il-weraq oħxon iservi biex il-pjanta taħżen l-ilma għax-xhur sħan tas-sajf jew, fil-każ tal-pjanti annwali, biex il-




JOSEPH SULTANA.
RABAT 1991

pjanta tilħaq tagħmel il-fjur u ż-żerriegħa fiż-żmien meta tkun diġa' bdiet tinħass in-nixfa. Fost dawn il-pjanti nistgħu nsibu dawk mill-familja tas-*Sedum*. Forsi l-aktar komuni minn dawn is-sukkulenti hija Beżżulet il-Baqra li tikber ġo ħofor fil-blat li jimtlew bl-ilma tax-xita fix-xhur tax-xitwa. Din il-pjanta tikber ċatta mal-blat, u l-weraq tagħha li għall-ewwel ikun aħdar u tond jinbidel f'weraq ta' lewn ħamrani hekk kif tinħass is-sħana. Il-fjuri żgħar huma ta' lewn ikħal.

Għalkemm rari, nistgħu nsibu wkoll Beżżulet il-Baqra Żgħira u Beżżulet il-Baqra Safra. Dawn il-pjanti jiddependu miż-żerriegħa biex jerġgħu jikbru s-sena ta' wara peress li jmutu fix-xhur tas-sajf. Pjanta oħra li hija rari iżda tibqa' tħaddar is-sena kollha hija Beżżulet il-Baqra Bajda. Din tikber fuq ix-xifer ta' l-irdumijiet u għandha weraq żgħir aħdar u fjur abjad. Hija veru ħasra li aktarx tlifna waħda minn dawn il-pjanti, is-*Sedum stellatum* li ilha ma tinstab għal ħafna snin.

L-Orkidej ma jonqsux li jagħtu sehemhom biex isebbħu u jlewnu x-xagħri. L-ewwel Orkidea li tidher fix-xagħri hija l-Orkidea tal-Ħarifa li nistgħu niltaqgħu magħha fix-xhur ta' Ottubru u Novembru. Fix-xagħri nsibu mal-25 speċi ta' Orkidea differenti li fil-maġġoranza tagħhom huma rari. Fosthom hemm l-Orkidea Piramidali ta' Malta li hija endemika, jiġifieri tikber fil-gżejjer Maltin biss. L-Orkidej iħaddru matul ix-xhur xitwin. Kif tgħaddi r-rebbiegħa jinxfilhom il-weraq. Il-basla ta' l-Orkidej tistrieħ matul dawn ix-xhur iżda terġa' tieħu l-ħajja wara l-ewwel xita.

It-tip l-ieħor ta' pjanti huwa ta' dawk annwali, jiġifieri dawk li jiddependu miż-żerriegħa biex jikbru minn sena

1. *Ilsien l-għasfur*
2. *Għansar Kbir*
3. *Narċis*
4. *Tè Sqalli*
5. *Żebbuġija*
6. *Berwieq*
7. *Fjurdulis Salvaġġ*
8. *Bebuna*
9. *Ċfolloq*
10. *Orkidea Piramidali*
11. *Tewm muswaf*
12. *Sieq il-Brimba*
13. *Buswieq tax-Xitwa*
14. *Żagħfran Salvaġġ*
15. *Ħalib it-Tajr*





*L-Għallet is-Serduq li kważi nqerdet għalkollox.*

għal oħra. Fost dawn insibu Ilsien l-Għasfur, bi fjuri ħamranin u baxxi ma' l-art. Din nistgħu niltaqgħu magħha minn Jannar sa April. Il-Bebuna, li għandha petali bojod minn fuq u roża minn taħt u hija forma ta' buttuna, Sieq il-Brimba bi fjur ikħal li tinstab fix-xhur minn Marzu sa Mejju, u ħafna oħrajn. Peress li dawn il-pjanti jikbru miż-żerriegħa, jeħtieġ li jagħmlu l-fjur biex tifforma ż-żerriegħa u hekk jikbru pjanti oħra bħalhom is-sena ta' wara peress li dawn imutu kif jibda s-sajf. Dan jista' jkun ta' periklu għal dawn il-pjanti jekk il-fjuri ma jirnexxilhomx jagħmlu ż-żerriegħa. Hekk ġralha Għallet is-Serduq li kienet tinqata' bil-bosta u minħabba f'hekk saret rari ħafna.

Minn din il-ħarsa qasira lejn ix-xagħri wieħed jista' jinduna kemm hu għani dan l-ambjent. Dan mingħajr ma għedna xejn fuq il-fawna li tgħix ma' din il-flora. Huwa ferm faċli li wieħed jeqred, iżda diffiċli jew kważi impossibli, li pjanta jew annimal meqrud jerġa' jinġieb lura, aktar u aktar jekk din tkun endemika. Ħarsa lejn ix-xagħri turina r-responsabiltà li għandna għal dan il-wirt naturali.

# IL-FEJĠEL

*Guido Lanfranco*

Il-Fejġel jikber selvaġġ fix-xagħri, fil-ħofor u fit-toqob tal-blat, li joffri ambjent addattat għalih. Il-Fejġel jogħla madwar nofs metru. Għandu weraq aħdar ċar fil-kaħlani, bi fjuri sofor li jkollhom erba' jew ħames petali mberflin b'mewġiet irregolari. Meta jinxfu dawn il-fjuri, jifformaw kapsuli mimlijin b'żerriegħa sewda. Il-Fejġel huwa mimli kollu glandoli li mhux biss fihom żejt essenzjali (jew, kif jissejjaħ, ta' l-essenza), iżda jagħmlu riħa aktarx qawwija, l-aktar meta jinsaħqu. Hemm min jidhirlu li r-riħa tal-Fejġel tinten, iżda mhux kulħadd jaqbel ma' din l-opinjoni.

Għalkemm insibu mijiet ta' ħxejjex, kemm slavaġ, kemm le, li kienu u għadhom jintużaw biex minnhom jittieħdu sustanzi mediċinali, dawk il-ħxejjex li għandhom xi riħa jew fwieħa kollha kienu jintużaw. Anke f'Malta ħafna minnhom kienu jintużaw biex ikeċċu l-insetti, kif ukoll il-briegħed, li dari kienu aktar abbundanti minħabba l-kondizzjonijiet xejn iġjeniċi. Iżda anke din mhux kulħadd jaqbel magħha: mhux kulma jinten jew kulma għandu riħa qawwija bilfors għandu effett fuq l-insetti bħalma għandu fuqna. Infatti, fuq il-Fejġel nistgħu nsibu x-xagħat sabiħ tal-Farfett tal-Fejġel, farfett li ismu huwa marbut ma' din il-pjanta (għalkemm jissejjaħ ukoll Farfett tal-Bużbież għax ix-xagħat tiegħu nsibuh ukoll fuq il-Bużbież). Insibu wkoll insetti oħrajn, uħud li jieklu minnha, oħrajn biex idakkruha.

Fil-mediċina popolari l-antiki kienu jħobbu jaqtgħu l-weraq tal-Fejġel u jgħaffġuh jew jisolħuh, u wara li jħalltuh maż-żejt sħun kienu jagħmluh fuq infafet, nefħiet, feriti, fuq il-ġogi minħabba l-uġigħ tar-rewmatiżmu, u kultant anke bħala ġbara moqlija fiż-żejt.

Fil-mediċina popolari wkoll, il-Fejġel kien jintuża f'każi ta' għajnejn imċajpra. Fl-imgħoddi kien hawn bosta infezzjonijiet fil-għajnejn, iżda bħal dejjem kien hemm ukoll mard ieħor ta' deġenerazzjoni, mard mhux kaġunat minn infezzjoni. L-għajnejn imċajpra kienu komuni, u għalhekk kien hemm min kien jaħsel għajnejh bl-ilma tal-Fejġel mgħolli (jew dekott tal-Fejġel). Iżda kien hemm ukoll min kien japplikah mod ieħor. Ftit weraq tal-Fejġel kien jittieħed u jiġi mimgħud tajjeb. Imbagħad kien jintefaħ nifs 'il barra għal ġo għajn il-pazjent li jkun bil-qiegħda b'għajnu miftuħa. Kienu jaħsbu li l-fwar jew ir-riħa tal-Fejġel kienu jġġiegħlu d-dmugħ joħroġ mill-għajn u b'hekk din tiċċara aktar — l-istess effett, imma aktar ħafif, li jġarrab xi ħadd meta jqatta' l-basal.

Il-ħxejjex kollha għandhom xi sustanzi li huma tajbin għas-saħħa; jekk xejn, tajbin bħala ikel u għall-vitamini u




*Il-Fejġel*

elementi oħrajn. Fost l-oħrajn, fil-Fejġel insibu r-rutin, żejt essenzjali bil-metil saliċilat, etere aċetiku u valerjaniku, limonin, pinin u tannin. Dan ta' l-aħħar huwa magħruf bħala astrinġenti u jnaqqas xi infjammazzjonijiet.

Madanakollu l-Fejġel mhux ta' min jużaħ kif ġie ġie, għax jekk jittieħed internament bla rażan jista' joħloq avvelenament. Il-ftit applikazzjonijiet fir-rimedji esterni li semmejna ma jagħmlux ħsara, għalkemm aħjar ma jintużawx fil-għajnejn. Għalkemm fil-mediċina xjentifika l-estratti ġieli jintużaw internament, huwa ferm importanti li kemm l-applikazzjoni kif ukoll id-doża jintużaw bil-galbu, għax jekk jintużaw ħażin huma perikolużi.

Fil-mediċina in ġenerali, il-prinċipji attivi jinkluduhom ma' sedattivi (biex iserraħ mill-uġigħ u jikkalma n-nervi), djuretiċi (biex imexxi l-likwidi fil-kliewi), sudorifiċi (għall-għaraq, li mhux biss imexxi l-likwidi, bħal fil-kliewi, iżda wkoll jiffriska l-ġilda fid-deni) u każi oħra. Bħala sedattiv ħafif, il-Fejġel jikkalma ċerti spażmi li joħolqu uġigħ fl-imsaren u nħawi oħrajn, kif ukoll fil-mestruwazzjoni. Jintuża wkoll bħala antelmintiku (kontra l-ħniex ta' l-imsaren) u għall-gass fl-istonku.

Fl-antik f'Malta kienu jxerrdu diversi ħxejjex ma' l-art għax billi ma kienx ikollhom madum bħal ma għandna llum, l-art ta' xi djar jew knejjes kienet tkun jew imbattma jew iċċangata b'ċangaturi tal-ġebla tal-franka. Għalhekk kienu jitħammġu malajr u jinġabar it-trab u dan kien jattira lill-insetti. Minbarra li kienu jifirxu l-Plejju, il-Liedna, l-Erbabjanka, il-Ħarrub u oħrajn, kienu jifirxu wkoll il-Fejġel, anke fil-kmamar ta' xi marid biex ibiegħdu l-insetti u l-mard; għalkemm ma nafx kemm ir-riħa tal-Fejġel kienet tgħin lill-marid!

Il-Fejġel, l-aktar il-weraq torja u l-petali tal-fjuri, ġieli kien jitħallat ukoll ma' xi insalata jew xorb biex jagħti togħma speċjali.

Hekk naraw kif il-pjanti slavaġ, minbarra li jsebbħu u jlibbsu pajjiżna bir-riħa u l-lwien tagħhom, għandhom ukoll valuri li jistgħu jgħinu fil-ħajja tagħna ta' kuljum jekk aħna nkunu nafu nużawhom. ❑




*Ix-xagħar tal-Farfett tal-Bużbież li jinstab ukoll fuq il-Fejġel*

# IL-FAQQIEGĦ

*Edwin Lanfranco*

Il-ħlejjaq ġeneralment naqsmuhom f'annimali u pjanti. Normalment, dawk li huma mwaħħlin u għaldaqstant ma jistgħux jiċċaqalqu minn post għal ieħor ngħidulhom pjanti. Iżda dan mhux dejjem daqshekk sempliċi. Ngħidu aħna, il-pjanti tipiċi huma fotosintetiċi – jiġifieri kapaċi jaħżnu l-enerġija tad-dawl permezz tal-klorofilla (il-kimika li tagħti lill-pjanti l-kulur aħdar) sabiex jibnu s-sustanzi tagħhom. Iżda jeżistu dawk il-pjanti magħrufa bħala **fungi** li ma għandhomx klorofilla u għaldaqstant biex jgħixu jiddependu minn sustanzi prodotti minn ħlejjaq oħra. Dan jagħmluh billi jużaw sustanzi minn ħlejjaq mejtin, skart organiku, jew inkella billi jgħixu ta' parassiti. Dawn ta' l-aħħar jikbru fuq il-ħlejjaq ħajjin u jassorbu s-sustanzi minnhom. Xi botaniċi huma tal-fehma li l-fungi għandna nifirduhom mill-pjanti veri u mill-annimali.

Hemm varjetà kbira ta' fungi li jinkludu ħlejjaq bħal mofof, parassiti ta' pjanti bħalma huma s-sadid, in-nogħra u l-mess; kif ukoll il-faqqiegħ jew umbrelel (*mushrooms* u *toadstools*). Filwaqt li fil-parti l-kbira tagħhom il-fungi għandhom frott mikroskopiku jew kważi mikroskopiku, il-faqqiegħ għandu frott kbir u mlaħħam. Fil-fatt, il-faqqiegħ li naraw hu biss il-frott. Il-parti li tassorbi u tmexxi s-sustanzi għandha għamla ta' ħafna ħjut (il-miċelju) midfunin ġewwa l-materjal li l-faqqiegħ ikun qed jikber fuqu. Ħafna faqqiegħ hu marbut ma' siġar u pjanti oħra partikolari, għaqda intima li minnha jibbenefikaw it-tnejn, speċjalment billi jiksbu s-sustanzi meħtieġa. Din ix-xorta ta' assoċjazzjoni hi magħrufa bħala **mikorriza**.

Ħafna jistaqsu liema huwa l-faqqiegħ li jista' jittiekel u dak li hu velenuż. Ġieli nisimgħu b'ħafna metodi kif wieħed jista' jinduna jekk il-faqqiegħ ikunux velenuż jew le. Iżda dawn huma kollha ħrejjef – u ħrejjef perikolużi! L-uniku mod kif wieħed jista' jkun jaf liema hu tajjeb għall-ikel u liema mhux huwa li jkun jaf mill-qrib l-ispeċi li jiltaqa' magħhom. Għaldaqstant ***ħadd*** m'għandu jiġbor il-faqqiegħ għall-ikel jekk ma jkunx jaf sewwa l-ispeċi tiegħu.

Fil-gżejjer Maltin hawn ħafna speċi ta' faqqiegħ. Għadna ma nafux eżatt kemm-il speċi hawn għax ftit għadu sar studju fuqhom. Iżda nafu b'xi mitejn speċi li għandna l-isem sħiħ tagħhom. Madanakollu hawn xi mitejn oħra magħrufa u li għadhom ma humiex identifikati għalkollox. Minkejja li hawn ħafna speċi, ftit minnhom biss jikbru fi kwantità kbira, minħabba li l-faqqiegħ jiddependi ħafna mill-umdu. In-nixfa ta' artna ma tippermettilux jikber fi kwantitajiet kbar.

1. Pleurotus opuntiae – *tip ta' faqqiegħ li jikber biss fuq frieghi mejta tal-Bajtar tax-Xewk.*

2. Stereum ochraceoflavum – *faqqiegħ li jikber fuq fdalijiet ta' siġar mejta.*

3. Pluteus sp. — *tip ta' faqqiegħ bi spori roża li jikber fuq frieghi mejta.*

4. Coprinus domesticus – *wieħed mill-Faqqiegħ tal-Linka. Jikber fuq zkuk u frieghi li jkunu qed jiddekomponu.*

5. Crepidotus amygdalosporus – *faqqiegħ ċkejken li jikber fuq zkuk u frieghi mejta.*

6. Aleura aurantia – *tip ta' Skutella ta' l-Art li jikber fuq ħamrija kompatta b'ħafna nutrijenti.*

7. Coprinus micaceus – *wieħed mill-faqqiegħ tal-Linka. Ġieli nsibuh taħt is-siġar.*

8. Psathyrella candolleana – *wieħed mill-iżjed faqqiegħ komuni li jikber fejn hemm humus u umdu.*

9. Colus hirudinosus – *Faqqiegħ tal-Gaġġa – wieħed mill-ftit faqqiegħ li jikber fix-xagħri. L-ispori tiegħu ma jittajrux mir-riħ iżda jixxerdu mid-dubbien.*



1 *Edwin Lanfranco*



2 *Edwin Lanfranco*



3 *Edwin Lanfranco*



4 *Edwin Lanfranco*



Edwin Lanfranco 6



Edwin Lanfranco 5



Edwin Lanfranco 7



Alfred E. Baldacchino 9



Edwin Lanfranco 8

Il-maġġoranza tal-faqqiegħ li jolqot l-għajn għandu l-għamla tipika ta' kappell fuq zokk. Minn taħt, il-kappell ikollu ħafna folji, imsejħa ***lamelli***, li huma miksija bi spori mikroskopiċi li jintużaw għat-tkattir. Fost il-faqqiegħ ta' din l-għamla spiss niltaqgħu mal-**Faqqiegħ tal-Ġonna**, li huwa bajdani b'kappell li ġieli jilħaq xi 15-il ċentimetru dijametru b'lamelli roża u bi speċi ta' kikkra taħt iz-zokk. Dan mhux velenuż iżda jixbaħ ferm lil wieħed mill-iżjed tipi ta' faqqiegħ velenużi: l-**Amanita Velenuża**, li għandu bħal ċirku madwar iz-zokk. Hemm ukoll l-**Amanita t-Tajba** li jixbaħhom ukoll. B'hekk naraw il-bżonn ta' attenzjoni għax faqqiegħ jixxiebaħ jista' jkun jew velenuż jew mhux.

**Il-Faqqiegħ Vjola** jinstab l-iżjed fejn hemm ħafna siġar u miegħu spiss insibu l-**Faqqiegħ Abjad** li hu pjuttost velenuż. Il-**Faqqiegħ tad-Demm** għandu kulur jagħti fir-roża u jekk jinbarax joħroġ minnu likwidu aħmar bħad-demm. Din l-ispeċi tikber biss fejn hemm iċ-Ċistu Abjad li hu arbuxxell rari. Il-maġġoranza tal-faqqiegħ insibuh fil-ħarifa. Fir-rebbiegħa fost il-ħaxix jikber il-**Faqqiegħ tal-Linka**, b'kappell tawwali, li wara li jerħi l-ispori jibda jdub f'likwidu iswed.

Xi faqqiegħ għandu pori minflok lamelli. Bħala eżempju hemm il-**Faqqiegħ taż-Żnuber**, li hu fungu kbir ta' kulur kannella safrani, u l-**Faqqiegħ tal-Ballut**, b'kulur sabiħ ħamrani skur u kappell bellusi, li jgħixu marbutin f'għaqda mikorriżika maż-Żnuber u mal-Ballut rispettivament.

Il-**Faqqiegħ tal-Ferla**, li jikber fuq l-għerq tal-ferla wara li din tkun mietet, għandu z-zokk fil-ġenb. Dan il-fungu bajdani jista' jkun kbir ġmielu u dari kien jinġabar fi kwantità għall-bejgħ. Issa naqas ġmielu minkejja li l-ferla għadha komuni. Jista' jagħti l-każ li dan huwa sinjal li l-gżejjer Maltin qed isiru aktar niexfa.

Fuq friegħi ħajjin jew mejtin tas-siġar spiss jikber faqqiegħ mingħajr zokk u bil-pori. Ħafna minn dan qisu xkaffa ħierġa mis-siġra u għalhekk bl-Ingliż jgħidulu ***bracket fungi***. Il-maġġoranza ta' dan għandu konsistanza pjuttost iebsa qisha sufra bħalma huma l-ispeċi ta' *Phellinus* u *Trametes* li bil-Malti ngħidulhom **Lixka**. Oħrajn huma pjuttost rotob u mlaħħmin bħall-**Faqqiegħ tal-Ħarrub** li huwa isfar.

Insibu wkoll faqqiegħ ta' ħafna għamliet strambi bħall-**Faqqiegħ tal-Ġaġġa** li jikber fix-xagħri u li qisu gaġġa ħamra ddellek ħierġa minn basket abjad. Il-**Faħxija** jikber fil-ġonna. Dawn iż-żewġ speċi jinqdew bid-dubbien sabiex ixerrdu l-ispori tagħhom. Il-fungu magħruf bħala *Scleroderma* għandu għamla ta' patata. Din tkun mimlija kollha spori qishom trab li jiġi meħlus meta jinfetaq il-fungu. Grupp sħiħ ta' fungi għandhom għamla ta' skutella u għaldaqstant jistgħu jissejħu **Skutella ta' l-Art** (speċi ta' *Peziza*, *Sarcosphaera*,

*jissokta f'paġna 30*

## *IL-KUMMERĊ FIL-KEWBA U FL-ORKIDEJ*

Fl-aħħar laqgħa taċ-C.I.T.E.S* li saret fi Kyoto, il-Ġappun, f'Marzu ta' 1992, il-pjanti kellhom sehem importanti. L-aktar li spikkaw kienu l-injam tropikali u l-orkidej imnissla b'mod artiċfiċjali.

### *Il-Kewba*

L-aktar proposta li qajmet diskussjoni bi ħsieb u fil-fond kienet dik dwar is-siġar tal-kewba (*Swietenia* spp). Il-proposta biex jiġu mħarsa *S. macrophylla* u *S. mahagoni* kienet milqugħa tajjeb, l-aktar mill-Brażil, wieħed mill-akbar esportaturi ta' l-injam tal-kewba, kif ukoll mir-Renju Unit u mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, l-akbar importaturi. Iżda matul il-laqgħa, din il-proposta minn Costa Rica ġiet mibdula ma' dik ta' l-Istati Uniti li pproponew li *S. macrophylla* ma tiġix inkluża fil-ftehim tal-Konvenzjoni.
*S. macrophylla* hija l-akbar sors tal-kummerċ tal-Kewba.

Fl-aħħar tal-laqgħa ġie deċiż li *S. mahagoni* biss tiġi inkluża fil-ftehim taċ-C.I.T.E.S. Sfortunatament l-injam ta' din is-siġra ilu madwar 500 sena jinbiegħ fis-swieq internazzjonali. Jista' jagħti l-każ li din is-siġra diġà nqerdet mis-selvaġġ mil-lat kummerċjali.

*IUCN Bulletin 23(2) June 92*

* *C.I.T.E.S. – Convention on International Trade in Endangered Species of Wild Flora and Fauna* — Il-konvenzjoni dwar il-kummerċ internazzjonali ta' l-ispeċi ta' fawna u flora li huma mhedda.

### *L-Orkidej*

Waħda mill-problemi kbar li jiffaċċjaw iċ-C.I.T.E.S. huwa l-kummerċ fil-pjanti li huma mnissla b'mod artifiċjali. Ġie miftiehem li l-orkidej li jiġu mkabbra minn żerriegħa fil-fliexken u li huma rari u mħarsa miċ-C.I.T.E.S. ma għandhomx ikunu ikkontrollati miċ-C.I.T.E.S. Kummerċ ta' l-orkidej ta' din il-forma ma għandux effett fuq in-numru ta' Orkidej li jikbru fis-selvaġġ. Anżi meta dawn l-orkidej hekk imkabbra jkunu għall-bejgħ u offruti għad-dilettanti li jġemmgħuhom, dan jista' jnaqqas id-domanda għal pjanti li jikbru fis-selvaġġ.

Ġie miftiehem li dawk il-mixtliet li jnisslu l-Orkidej b'mezzi artifiċjali jiġu reġistrati, u għandhom jinħadmu d-dettalji kif dan jista' jintlaħaq. Ġie deċiż li huwa pass għaqli li tippermetti l-kummerċ tal-pjanti mkabbra f'mixtliet li jkunu spezzjonati u approvati. Dan huwa aktar u aktar meħtieġ ma' speċi rari li jiġu kkontrollati miċ-C.I.T.E.S. Bħala eżempju, fl-aħħar laqgħa taċ-C.I.T.E.S. numru ta' speċi ta' kaktus ġew meqjusa rari u għalhekk jaqgħu taħt il-kontroll aktar strett taċ-C.I.T.E.S.

*(IUCN - Bulletin 23(2) June 92)*

# With The ISIC My Money Lasts Longer






NSTS STUDENT AND YOUTH TRAVEL

220 St Paul Street Valletta VLT 07

*The International Student Identity Card, lets you make the most of your student days. For just Lm1.50 you save money on travel services and you get discounts in Malta and when travelling abroad. To find out more, phone on 24 49 83 or visit our offices.*

## *L-AWSTRALJA – WARA RIO*

Il-parlament ta' Queensland għandu quddiemu abbozz ta' liġi li jagħti dritt lil dan l-Istat fuq il-kompożizzjonijiet kimiċi u ġenetiċi meħudin mill-ispeċi indiġeni, li qegħdin jintużaw l-aktar fil-manifattura tal-mediċini.

Dan huwa l-ewwel pass ta' din ix-xorta meħud minn xi gvern, u sar fid-dawl ta' rakkomandazzjoni maħruġa fil-ftehim fuq il-bijodiversità, li ġiet iffirmata minn aktar minn 150 pajjiż (fosthom Malta) matul l-*Earth Summit* f'Rio fl-1992.

Il-Gvern Federali Awstraljan diġà ta x'wieħed jifhem illi bi ħsiebu jadotta leġiżlazzjoni ta' din ix-xorta għall-pajjiż kollu.

Id-Direttur tal-*Conservation Strategy Branch* ta' Queensland sostna li huma diġà qegħdin joħorġu permessi lil dawk l-istituzzjonijiet biex jiġbru jew inaqqsu fin-numru ta' ħlejjaq selvaġġi u tenna li din l-idea mhix sa tkun xi ħaġa ġdida.

Wieħed mill-imħuħ wara din il-leġiżlazzjoni, il-Kap tal-Herbarium ta' Queensland, qal illi l-bżonn ta' dan il-pass ilu jinħass, u żied:

*"Il-botanisti u l-bijokimiċi ilhom imħassba dwar l-isfruttament kontinwu, li ilu sejjer għal bosta snin, ta' bijota (annimali u pjanti) ta' l-Istat. Din il-leġiżlazzjoni tassigura li meta xi kumpaniji multinazzjonali jmorru jiflu l-bijota għal mediċinali ġodda, l-Istat ikollu d-dritt għal xi ftit mill-pussess ta' dak ir-riżors."*

Dan ma jfissirx illi din il-leġiżlazzjoni sejra twaqqaf lil xi kumpanija milli tuża xi ingredjenti indiġeni biex tipproduċi xi mediċini ġodda, iżda għal dan ikolla tħallas id-drittijiet. *"Is-sistema taħdem eżatt bħall-minjieri. Meta kumpanija tiehu minerali mill-art, din tħallas id-drittijiet lill-Istat".*

### *FORESTI FARMAKEWTIĊI*

• Kważi erbgħa fil-mija tal-foresti milwiema ***(rain forests)*** tad-dinja ġew miflija għall-valuri tagħhom fil-bijokimika. Dawn, fost affarijiet oħra, irrendew b'$40 biljun mediċini, rimedji u ***tonics.***

• Siġra indiġena fl-istat ta' Queensland fl-Awstralja tagħti kimika li llum hija wżata minn kumpanija Ġermaniża biex tipproduċi pilloli kontra l-ħass ħażin ta' l-ivvjaġġar bl-ajru.

• Siġra Malażjana – *Calophyllum lanigerum* – kienet tintuża biex minnha jipproduċu sustanzi wżati fil-manifattura ta' mediċina li kellha kontroll fuq il-virus ta' l-Aids. Iżda meta fl-1991 xi studjużi Amerikani żaru l-bwar Sarawak fejn kienet tikber din is-siġra sabu li s-siġar kollha għebu.

*BBC Wildlife Lulju 1993*

### *Serq ta' Pjanti Selvaġġi*

TRAFFIC* hija organizzazzjoni li għandha l-għan li ssegwi l-kummerċ ta' pjanti u annimali slavaġ. TRAFFIC għandha fergħat f'diversi pajjiżi.

TRAFFIC EWROPA permezz ta' l-uffiċċju TRAFFIC fi Franza organizzat sensiela ta' tfittix fis-serq Ewropew għall-pjanti selvaġġi. Dan kien jikkonsisti fi żjarat għand kollezzjonisti u għand dawk li jkabbru l-pjanti kif ukoll f'ċentru ta' bejgħ ta' oġġetti tal-ġonna. F'dan l-eżerċizzju nkixef traffikar ta' pjanti li huma mħarsa taħt il-ftehim dwar kummerċ internazzjonali ta' pjanti u annimali slavaġ – *C.I.T.E.S.*

Wara li TRAFFIC għaddiet it-tagħrif miġbur, id-dwana Franċiża ħatfu mijiet ta' pjanti ta' Orkidej rari tat-tip *Paphiliopedilum* mingħand speċjalista magħruf Marcel Lacoufle.

### *Paphiliopedilum*

Dawn l-orkidej kienu ġew importati illegalment fl-1989, permezz ta' aġent mill-Filippini li għadda 2000 pjanta. 400 minn dawn ġew maħtufa, 1500 oħra kienu diġà nbiegħu, jew kienu mietu. Il-pjanti sekwestrati ta' l-ispeċi *Paphiliopedilum aductum. P. argus, P. haynaldiamnum* u *P. philippinensis,* ittieħdu kollha fi ġnien botaniku li jispeċjalizza fil-pjanti tropikali.

*(PANDA Marzu 92)*

* TRAFFIC (Trade Records Analysis of Flora and Fauna in Commerce)

## KONT TAF LI ..................?

### *IL-KARTA RIĊIKLATA*

Jekk uffiċċju jirriċikla tunnellata karta milli juża, jiġu salvati 17-il siġra, kif ukoll jiġu mnaqqsa 60 libbra ta' tniġġis ta' l-arja.

Kull tunnellata ta' karta riċiklata tgħin ukoll biex jiġu salvati 3 jardi kubi ta' art fejn jintrema l-iskart.

*(Global Advisor, Vol 2 Issue 3, May -June 90)*

### *IL-BOTTIJIET*

Kieku l-4450 miljun bott tax-xorb li ntremew fil-Gran Brittanja, kellhom jitpoġġew tarf ma tarf dawn kienu jaslu sal-qamar. Bosta minn dawn setgħu faċli jiġu riċiklati.

### *BIJODEGRADABBLI*

Hekk jissejjaħ kull oġġett li jista' jgħaddi mill-proċess li jiddizintegra. Il-plastik ma huwiex bijodegradabbli u jieħu mijiet ta' snin biex jiddizintegra. Huwa għalhekk li wieħed għandu jixtri oġġetti li huma bijodegradabbli.

*Environmental Events Record July 90*

*jaqbad minn paġna 26*

*Aleura, Humaria* u oħrajn). Fil-ġonna kultant tikber speċi tal-**Morkella**, faqqiegħ kbir qisu sponża tawwalija fuq zokk oħxon, iżda vojt minn ġewwa.

Dawn huma biss xi ftit mill-għamliet u l-ispeċi ta' faqqiegħ li għandna fil-gżejjer Maltin, iżda huma biżżejjed biex juruna faxxina u interess. ❑

## LISTA TA' SPEĊI LI JISSEMMEW F'DIN IL-ĦARĠA

| MALTI | XJENTIFIKU | INGLIŻ |
|---|---|---|
| Amanita Tajba | *Amanita ovoidea* | Ovoid Grisette |
| Amanita Velenuża | *Amanita verna* | Southern Destroying Angel, Spring Amanita |
| Awrikarja | *Araucaria heterophylla* | Norfolk Island Pine |
| Bajtar tax-Xewk | *Opuntia ficus-indica* | Prickly Pear |
| Bebuna | *Bellis annua* | Annual Daisy |
| Berwieq | *Asphodelus aestivuus* | Small-fruited Asphodel |
| Bezzulet il-Baqra | *Sedum caeruleum* | Azure Stonecrop |
| Żgħira | *Sedum caespitosum* | Broad-leaved Stonecrop |
| Bajda | *Sedum album* | White Starry Stonecrop |
| Safra | *Sedum litoreum* | Coastal Stonecrop |
| Boletus tal-Ballut | *Xerocomus (Boletus) chrysenteron* | Red Cracked Bolete |
| taż-Żnuber | *Boletus (Sullus) bovinus* | |
| Borgħom | *Teucrium flavum* | Yellow Germander |
| Bużbież | *Foeniculum vulgare* | Fennel |
| Buswieq tax-Xitwa | *Colchicum cupani* | Mediterranean Meadow Saffron |
| Ċfolloq | *Ranunculus bullatus* | Autumn buttercup |
| Ċikuta | *Conium maculatum* | Hemlock |
| Ċistu Abjad | *Cistus monspeliensis* | White Cistus |
| Erbabjanka | *Artemisia arborescens* | Shrubby Wormwood |
| Faħxija | *Phallus impudicus* | Stinkhorn |
| Faqqiegħ Abjad | *Clitocybe pityophylla* | |
| tad-Demm | *Lactarius sanguifluus* | Blood Milk-cap |
| tal-Ferla | *Pleurotus eryngii* var. *ferulae* | |
| tal-Ġaġġa | *Colus hirudinosus* | |
| tal-Ġonna | *Volvariella speciosa* | |
| tal-Ħarrub | *Laetiporus sulphureus* var. *ceratoniae* | Chicken of the woods |
| tal-Linka | *Coprinus comatus*, eċċ. | Shaggy Ink-cap |
| Vjola | *Lepista nuda* | Wood Blewit |
| Faqqus il-Ħmir | *Ecballium elaterium* | Squirting cucumber |
| Farfett tal-Bużbież/ tal-Fejġel | *Papilio machaon* | Swallowtail Butterfly |
| Fejġel | *Ruta chalepensis* | Rue |
| Ferla | *Ferula communis* | Common Ferule, Giant Fennel |
| Fidloqqom | *Borago officinalis* | Borage |
| Fjurdulis Salvaġġ | *Gynandriris sisyrinchium* | Spanish Nut-Iris |
| Għallet is-Serduq | *Adonis annua* | Pheasant's Eye |
| Għansar Kbir | *Urginea maritima* | Seaside Squill |
| Għansar tal-Ħarifa | *Scilla autumnalis* | Autumn Squill |
| Għerq Sinjur | *Cynomorium coccineum* | Malta Fungus |
| Għolliq | *Rubus ulmifolius* | Bramble |
| Ħalib it-Tajr | *Ornithogalum arabicum* | Large Star-of-Bethlehem |
| Ilsien l-għasfur | *Silene colorata* | Mediterranean catchfly, Red Campion |
| Kamumilla | *Chamomilla recutita* | Scented Mayweed |
| Klin | *Rosmarinus officinalis* | Rosemary |
| Kromb il-Baħar isfar | *Senecio cineraria* | Silver Ragwort |
| Liedna | *Hedera helix* | Ivy |
| Narċis | *Narcissus tazetta* | Cream Narcissus |
| Orkidea Piramidali | *Anacamptis piramidalis* | Pyramid Orchid |
| ta' Malta | *Anacamptis urvilleana* | Malta Pyramidal Orchid |
| Orkidea tal-Ħarifa | *Spiranthes spiralis* | Autumn Lady's Tresses |
| Plejju | *Mentha pulegium* | Pennyroyal |
| Riħan | *Myrtus communis* | Myrtle |
| Safsafa | *Salix alba* | White Willow |
| Sagħtar | *Thymus capitatus* | Mediterranean Wild Thyme |
| Sieq il-Brimba | *Nigella damascena* | Love-in-a-mist |
| Siġra taċ-Ċipress | *Cupressus sempervirens* | Cypress |
| tal-Fraxxnu | *Fraxinus angustifolia* | Narrow-leaved Ash |
| tal-Ħarrub | *Ceratonia siliqua* | Carob tree |
| ta' l-Istrikinina | *Strychnos nux-vomica* | |
| Skutella ta' l-Art | *Peziza, Sarcosphaera,* & *oħrajn* | Cup fungi |
| Tè Sqalli | *Prasium majus* | Mediterranean Prasium |
| Tengħud Muswaf | *Euphorbia pubescens* | |
| Tewm Salvaġġ | *Allium* spp. | Wild Garlic |
| Muswaf | *Allium subhirsutum* | Hairy Garlic |
| Tulipan Salvaġġ | *Tulipa australis* | Southern Tulip |
| Żagħfran Salvaġġ | *Crocus longiflorus* | Yellow-throated Crocus |
| Żebbuġija | *Teucrium fruticans* | Evergreen Germander |
| Żiju | *Rhamnus oleoides* | Small Buckthorn |

# It-Tradizzjoni Bankarja F'Malta




Is-servizz bankarju li joffri l-Mid-Med nafuh u napprezzawh daqs il-festa tar-rahal. Il-Mid-Med ghandu tradizzjoni bankarja li tmur lura iżjed minn mitt sena, b'reputazzjoni bhala wiehed mill-aqwa Istituzzjonijiet Finanzjarji tal-gżejjer taghna.

Illum, il-Mid-Med jipprovdilek ghażla shiha ta' servizzi bankarji, ibbażata fuq teknoloġija tal-kompjuter mill-aktar moderna.

Dawn huma biss uhud minnhom:

**Kontijiet Kurrenti u l-"Quikcash Card"**

Kont Kurrenti mal-Mid-Med ighinek biex iżżomm rendikont sew ta' flusek. Uża ċ-"cheque book" personali tieghek jew il-"Quikcash Card" u ma jkollokx ghalfejn toqghod iġġorr hafna flus fuqek.

**Kontijiet fi Flus Barranin**

Il-flus barranin li ghandek żommhom hawn Malta u aqla' imghax b'rata gholja - hafna drabi din ir-rata hija oghla minn dik li ssib band'ohra. Ir-rati tal-imghax issibhom fuq il-gazzetti ta' kuljum.

**Is-Self**

Il-Mid-Med jipprovdilek il-flus li jkun jonqsok biex tiffinanzja kull tip ta' proġett, sew privat kif ukoll kummerċjali.

**Mid-Med Bank**

*Mal-*Mid-Med *Jaqbillek Żgur*

*B'Ghadd ta' Ferghat Imferrxa ma' Malta u Ghawdex*

Il-Mid-Med dejjem tista' torbot fuqu - asal wasla sa wahda mill-Ferghat taghna madwar Malta u Ghawdex u tara kif il-Mid-Med bena tradizzjoni ta' servizz bankarju mill-aqwa.